

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 6



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 57
10 ta' Jannar 2014Avviż Nru

Werrej

Paġna

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJET MINN ISTITUZZJONIJET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2014/C 6/01

Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE – Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet ⁽¹⁾ 1IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2014/C 6/02

Rata tal-kambju tal-euro 3

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2014/C 6/03

Avviż tal-Gvern tar-Renju Unit dwar id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi ⁽¹⁾ 4

MT

Prezz:
EUR 3⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE

(Ikompili fil-paġna li jmiss)

2014/C 6/04	Komunikazzjoni mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità – Emenda fl-obbligi tas-servizz pubbliku fir-rigward tas-servizzi tal-ajru skedati	7
-------------	--	---

V Avviżi

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

Il-Kunsill

2014/C 6/05	Sejħa Miftuħa – Kooperazzjoni Ewropea fix-Xjenza u t-Teknoloġija (COST)	8
-------------	---	---

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea

2014/C 6/06	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.7111 – Mitsui/ArcelorMittal Gonvarri Brasil Produtos Siderúrgicos/M Steel Indústria e Comércio de Produtos Siderúrgicos) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata ⁽¹⁾	10
2014/C 6/07	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.7125 – Advent/UNIT4) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata ⁽¹⁾	11
2014/C 6/08	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.7148 – Borealis European Holdings/First State Investments/Fortum Distribution Finland) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata ⁽¹⁾	12



⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U
AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Awtorizzazzjoni għal għajjuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE**Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2014/C 6/01)

Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni	19.12.2013	
In-numru ta' referenza tal-għajjuna	SA.37785 (13/N)	
Stat Membru	Spanja	
Reġjun	—	Mħallta
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	Régimen de financiación para la exportación de buques	
Il-bażi legali	Real Decreto 442/1994, de 11 de marzo, sobre Primas y Financiación a la Construcción Naval y sus modificaciones posteriores	
It-tip tal-miżura	Skema	—
L-għan	Żvilupp settorjali, Promozzjoni tal-esportazzjoni u l-internazzjonalizzazzjoni	
Il-forma tal-għajjuna	Sussidju fuq l-imgħax	
L-estimi	Baġit globali: EUR 45 (f'miljuni) Baġit annwali: EUR 45 (f'miljuni)	
L-intensità	—	
It-tul ta' żmien	1.1.2014-30.6.2014	
Setturi ekonomiċi	Bini ta' dgħajjes u strutturi għal fuq wiċċ l-ilma	
Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajjuna	Manuel Valle Muñoz — Director General de Industria y PYME Paseo de la Castellana, 160 28071 Madrid ESPAÑA	
Aktar informazzjoni	—	

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

<http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/index.cfm>

Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni	19.12.2013	
In-numru ta' referenza tal-għajnuna	SA.37786 (13/N)	
Stat Membru	Spanja	
Reġjun	—	Mħallta
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	Régimen de ayudas horizontales a la construcción naval	
Il-bażi legali	a) Real Decreto 442/1994, de 11 de marzo, de Primas y Financiación a la Construcción Naval, y modificaciones posteriores; en relación con su artículo 10. b) Normas de aplicación de las ayudas horizontales a la construcción naval con cargo al Fondo de Reestructuración	
It-tip tal-miżura	Skema	—
L-għan	Żvilupp settorjali, Innovazzjoni, Riċerka u żvilupp, Żvilupp reġjonali	
Il-forma tal-għajnuna	Għotja diretta	
L-estimi	Baġit globali: EUR 10 (f'miljuni) Baġit annwali: EUR 10 (f'miljuni)	
L-intensità	80 %	
It-tul ta' żmien	1.1.2014-30.6.2014	
Setturi ekonomiċi	Bini ta' dgħajjes u strutturi għal fuq wiċċ l-ilma	
Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna	Ministerio de Industria, Energía y Turismo. Manuel Valle Muñoz — Director General de Industria y PYME Paseo de la Castellana, 160 28071 Madrid ESPAÑA	
Aktar informazzjoni	—	

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

<http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/index.cfm>

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro ⁽¹⁾

Id-9 ta' Jannar 2014

(2014/C 6/02)

1 euro =

Munita			Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,3612	CAD	Dollaru Kanadiż	1,4780
JPY	Yen Ġappuniż	142,92	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	10,5554
DKK	Krona Daniża	7,4609	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,6495
GBP	Lira Sterlina	0,82575	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,7304
SEK	Krona Żvediża	8,9260	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 447,42
CHF	Frank Żvizzeru	1,2368	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	14,7150
ISK	Krona İzlandiża		CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	8,2404
NOK	Krona Norveġiża	8,4075	HRK	Kuna Kroata	7,6294
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	16 593,03
CZK	Krona Ċeka	27,433	MYR	Ringgit Malażjan	4,4620
HUF	Forint Ungeriż	299,41	PHP	Peso Filippin	60,805
LTL	Litas Litwan	3,4528	RUB	Rouble Russu	45,1425
PLN	Zloty Pollakk	4,1755	THB	Baht Tajlandiż	44,944
RON	Leu Rumen	4,5340	BRL	Real Brażiljan	3,2641
TRY	Lira Turka	2,9745	MXN	Peso Messikan	17,8639
AUD	Dollaru Awstraljan	1,5343	INR	Rupi Indjan	84,5410

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

Avviż tal-Gvern tar-Renju Unit dwar id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2014/C 6/03)

Avviż tar-Renju Unit għat-28 ħruġ tal-liċenzji għat-tiftix taż-żejt u l-gass lil hinn mill-kosta

Id-dipartiment tal-enerġija u t-tibdil fil-klima

Il-“Petroleum Act” (L-Att dwar iż-Żejt mhux raffinat) tal-1998

Ħruġ ta' Liċenzji għat-Tiftix taż-Żejt lil hinn mill-kosta

1. Is-Segretarju tal-Istat għall-Enerġija u t-Tibdil fil-Klima jistieden lin-nies interessati biex japplikaw għal Liċenzji ta' Produzzjoni fil-Baħar għal ċertu ammont ta' art mill-Blata Kontinentali tar-Renju Unit.

2. Id-dettalji kollha tal-offerta, inklużi listi u mapep tal-art li qed jiġu offruti u gwida dwar il-liċenzji, it-termini li se jinkludu dawk il-liċenzji, u kif wieħed għandu japplika, huma disponibbli mill-websajt gov.uk (ara hawn taħt).

3. L-applikazzjonijiet kollha se jiġu ddeterminati skont it-termini tal-Hydrocarbons Licensing Directive Regulations tal-1995 (S.I. 1995 Nru 1434) u fl-isfond tal-ħtieġa kontinwa għal tiftix komprensiv, effiċjenti, sikur u bla telf ta' żmien biex jiġu identifikati r-riżorsi taż-żejt u l-gass tar-Renju Unit filwaqt li jitqiesu kif xieraq il-kunsiderazzjonijiet ambjentali.

Applikazzjonijiet għal Liċenzji Tradizzjonali u Liċenzji “Fruentiera” (inkluż ir-Reġjun tal-Punent tal-Iskozja)

4. Applikazzjonijiet għal Liċenzji Tradizzjonali u Liċenzji Fruentiera (kemm għar-reġjun tal-Punent tal-Iskozja kif ukoll għal bnadi oħra), se jkunu ddeterminati abbażi tal-kriterji li ġejjin:

(a) il-vijabbiltà finanzjarja tal-applikant u l-kapaċità finanzjarja tiegħu li jwettaq l-attivitajiet li jkunu permessi skont il-liċenzja waqt il-perjodu inizjali inkluż il-programm ta' ħidma mressaq għall-evalwazzjoni tal-potenzjal sħiħ taż-żona fil-blokk jew il-blokki li saret applikazzjoni għalihom;

(b) il-kapaċità teknika tal-applikant li jwettaq attivitajiet li jkunu permessi skont il-liċenzja waqt il-perjodu inizjali, inkluża l-identifikazzjoni ta' prospettu ta' idrokarburi fil-blokk jew fil-blokki li saret applikazzjoni għalihom. Il-kapaċità teknika se tiġi valutata parzjalment fuq il-kwalità tal-analiżi relatata mal-blokk jew il-blokki li saret applikazzjoni għalihom u;

(c) il-mod li bih l-applikant jipproponi li jwettaq l-attivitajiet li jkunu permessi skont il-liċenzja, inkluża l-kwalità tal-programm ta' ħidma mressaq għall-evalwazzjoni tal-potenzjal sħiħ taż-żona li saret applikazzjoni għaliha;

(d) meta l-applikant huwa detentur jew kien detentur ta' liċenzja mogħtija skont jew ittrattata daqslikieku ngħatat skont il-Petroleum Act tal-1998, kwalunkwe nuqqas ta' effiċjenza jew responsabbiltà murija mill-applikant f'operazzjonijiet skont dik il-liċenzja.

5. L-operatur propost f'kull grupp ta' applikanti (inkluża kwalunkwe kumpanija li tapplika bħala applikant individwali) għandu jressaq dikjarazzjoni tal-politika ambjentali ġenerali tiegħu għat-twertiq ta' attivitajiet liċenzjati f'inħawi viċin il-baħar.

6. Is-Segretarju tal-Istat mhuwiex se jagħti liċenzji għal applikazzjonijiet għal Liċenzji Tradizzjonali u daww Fruntiera jekk fl-stess ħin mhux se jkun lest japprova l-għażla tal-operatur mill-applikant. Qabel ma japprova operatur, is-Segretarju tal-Istat għandu jkun sodisfatt li dak li għie nnominat ikun kompetenti fl-ippjanar u fil-ġestjoni tal-operazzjonijiet ta' tħaffir, f'termini tal-għadd, tal-esperjenza u tat-taħriġ tal-personal tiegħu, fil-proċeduri u l-metodoloġiji proposti, fit-tfassil tal-istruttura tal-kmand tiegħu, fir-relazzjonijiet mal-kuntratturi u fl-istrateġija kumplessiva tal-kumpanija. Meta jkun qed jikkunsidra operatur propost, is-Segretarju tal-Istat se jqis kemm l-informazzjoni ġdida ppreżentata fl-applikazzjoni kif ukoll il-prestazzjoni tal-passat ta' dak li għie nnominat bħala operatur, kemm fir-Renju Unit kif ukoll f'pajjiżi oħra.

Applikazzjonijiet ta' Promozzjoni

7. L-applikazzjonijiet se jiġu ddeterminati abbażi tal-kriterji li ġejjin:

- a) il-vijabbiltà finanzjarja tal-applikant;
- b) il-kapaċità teknika tal-applikant li jwettaq attivitajiet li jkunu permessi skont il-liċenzja matul l-ewwel sentejn tal-liċenzja inkluża l-identifikazzjoni ta' prospetti ta' idrokarburi fil-blokk jew il-blokki li saret applikazzjoni għalihom. Il-kapaċità teknika se tiġi valutata parzjalment fuq il-kwalità tal-analiżi relatata mal-blokk jew il-blokki li saret applikazzjoni għalihom.
- c) il-kwalità tal-approċċ tal-applikant biex jiżgura riżorsi finanzjarji u tekniċi addizzjonali li jkunu meħtieġa biex ikun komplut il-programm ta' ħidma sostantiv kontemplat fit-tieni sentejn tal-Perjodu Inizjali u;
- d) fejn l-applikant huwa detentur jew kien detentur ta' liċenzja mogħtija skont jew ittrattata daqslikienu nġhatat skont il-Petroleum Act tal-1998, kwalunkwe nuqqas ta' effiċjenza jew responsabbiltà murija mill-applikant f'operazzjonijiet skont dik il-liċenzja.

8. Il-Liċenzji ta' Promozzjoni jiskadu wara sentejn jekk il-liċenzjat ma jkunx issodisfa lid-DECC bil-kapaċità teknika u finanzjarja tiegħu biex itemm il-Programm ta' Ħidma tal-Perjodu Inizjali li se jinkludi impenn qawwi f'dak il-mument għat-tħaffir ta' mill-inqas bir wieħed, jew biex iwettaq attività sostantiva ekwivalenti miftiehma. Il-Programm ta' Ħidma tal-Perjodu Inizjali għandu jitwettaq fi żmien erba' snin.

Gwida

9. Aktar gwida tista' tinkiseb mill-websajt gov.uk:

<https://www.gov.uk/oil-and-gas-licensing-rounds>

Offerti għal Liċenzji

10. Sakemm ma tkunx meħtieġa valutazzjoni ambjentali fir-rigward ta' Blokk partikolari (ara Para. 13 hawn taħt), kwalunkwe offerta mis-Segretarju tal-Istat ta' liċenzja skont din l-istedina, se ssir fi żmien tnax-il xahar mid-data ta' dan l-Avviż.

11. Is-Segretarju tal-Istat ma jaċċetta l-ebda responsabbiltà għal kwalunkwe spejjeż imġarrba mill-applikant meta dan iqis l-applikazzjoni tiegħu jew meta japplika.

Valutazzjoni Ambjentali

12. Is-Segretarju tal-Istat wettaq Valutazzjoni Ambjentali Strateġika (VAS) skont id-Direttiva 2001/42/KE dwar l-Istima tal-Effetti ta' Ċerti Pjanijiet u Programmi fuq l-Ambjent, taż-żoni kollha li se jkunu offruti f'dan il-Ħruġ. Ir-riżultati ta' dik il-VAS jistgħu jinstabu fil-websajt tad-DECC dwar il-VAS dwar l-enerġija lil hinn mill-kosta:

<https://www.gov.uk/offshore-energy-strategic-environmental-assessment-sea-an-overview-of-the-sea-process>

13. Il-liċenzji skont din l-istedina ser ikunu offruti biss jekk, skont id-Direttivi dwar il-Habitats (Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa)-

- (a) l-attivitajiet li għandhom jitwettqu skont il-liċenzja aktarx mhux se jkollhom effett sinifikanti fuq il-ġestjoni ta' Żona Speċjali ta' Konservazzjoni (ŻSK) jew Żona ta' Protezzjoni Speċjali (ŻPS) jew jekk
- (b) Valutazzjoni Xierqa tkun aċċertat li l-attivitajiet mhux se jkollhom effetti negattivi fuq dawn iż-ŻSK jew iż-ŽSP; jew
- (c) f'każ fejn l-attivitajiet jiġu vvalutati bħala li x'aktarx jikkawżaw effetti negattivi, soġġetti għal
 - (i) li jkun hemm raġunijiet imperattivi ta' interess pubbliku prevalenti għall-ħruġ tal-liċenzja,
 - (ii) it-teħid ta' miżuri ta' kumpens xierqa, u
 - (iii) in-nuqqas ta' soluzzjonijiet alternattivi.

14. Amministrazzjoni tal-Liċenzji: Energy Development Unit (EDU), Department for Energy and Climate Change, 3 Whitehall Place, London SW1A 2AW, United Kingdom (Nru tat-telefon: +44 03000686042, feks: +44 003000685129).

Il-websajt gov.uk: <https://www.gov.uk/oil-and-gas-licensing-rounds>

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità**Emenda fl-obbligi tas-servizz pubbliku fir-rigward tas-servizzi tal-ajru skedati**

(2014/C 6/04)

Stat Membru	Spanja
Rotta kkonċernata	Almeria-Seville
Data tad-dħul fis-seħħ tal-obbligi tas-servizz pubbliku	29.4.2009
Data tad-dħul fis-seħħ tal-bidliet	15.1.2014
Indirizz fejn jistgħu jinkisbu t-test u kwalunkwe informazzjoni jew dokumentazzjoni oħra relatata mal-obbligi tas-servizz pubbliku.	Ministerio de Fomento Dirección General de Aviación Civil Subdirección General de Transporte Aéreo Paseo de la Castellana, 67 28071 Madrid ESPAÑA Tel. +34 915978454 Faks +34 915978643 Posta elettronika: osp.dgac@fomento.es

Ir-rota suġġetta għall-obbligi tas-servizz pubbliku tista' tiġi operata fuq bażi ta' aċċess ta' kompetizzjoni libera skont il-kundizzjonijiet il-ġodda mill-15 ta' Jannar 2014. Jekk fi żmien 15-il jum tal-kalendarju wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, l-ebda trasportatur tal-ajru ma jissottometti programm ta' servizzi f'konformità mal-obbligi tas-servizz pubbliku imposti, l-aċċess se jkun ristrett għal trasportatur uniku tal-ajru permezz tal-proċedura tas-sejħa għall-offerti korrispondenti, skont l-Artikolu 16(9) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008.

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-KUNSILL

SEJĦA MIFTUĦA

Kooperazzjoni Ewropea fix-Xjenza u t-Teknoloġija (COST)

(2014/C 6/05)

L-iżvilupp ta' rabtiet aktar sodi fost ir-riċerkaturi Ewropej huwa kruċjali għall-bini taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER). Il-COST tlaqqa' flimkien riċerkaturi u esperti f'pajjiżi differenti li jaħdmu fuq kwalunkwe suġġett ta' riċerka (bottom-up). Il-COST ma tiffinanzjax ir-riċerka nnifisha, imma tappoġġa attivitajiet ta' networking bħal laqgħat, konferenzi, missjonijiet xjentifiċi fuq terminu qasir, skejjet ta' taħriġ u attivitajiet ta' disseminazzjoni. Attwalment hemm appoġġati madwar 300 netwerk xjentifiku (Azzjonijiet).

Waqt li tistimula networks ġodda ta' riċerka, innovattivi, interdixxiplinarji u ta' firxa ġenerali, il-COST tistieden proposti ta' Azzjoni li jikkontribwixxu għall-iżvilupp xjentifiku, teknoloġiku, ekonomiku jew soċjetali tal-Ewropa. Hemm interess speċjali għall-proposti minn riċerkaturi fi stadju bikri.

Il-COST hi organizzata f'disa' Setturi ġenerali (Bijomediċina u Bijoxjenzi Molekulari; Kimika u Xjenzi u Teknoloġiji Molekulari; Xjenza tas-Sistema Terrestri u Ġestjoni Ambjentali; Ikel u Agrikoltura, Foresti, il-Prodotti u s-Servizzi tagħhom; Individwi, Soċjetajiet, Kulturi u Sakhha; Teknoloġiji tal-Infommazzjoni u l-Komunikazzjoni; Materjali, Fiżika u Nanoxjenzi; Trasport u Żvilupp Urban). Il-kopertura intenzjonata ta' kull settur hi spjegata fis-sit web tal-COST (http://www.cost.eu/domains_actions).

Il-proponenti huma mistiedna jindikaw is-suġġett tagħhom f'wieħed mis-Setturi. Madankollu, proposti interdixxiplinarji ġenerali li ma jaqgħux direttament f'settur wieħed għandhom jiġu ppreżentati bħala proposti Multidixxiplinarji (TDP) u ser jiġu evalwati separatament.

Il-proposti għandhom jinkludu riċerkaturi minn minimu ta' ħames pajjiżi tal-COST. L-appoġġ finanzjarju għal Azzjoni ta' 19-il pajjiż parteċipant huwa ta' madwar EUR 130 000 kull sena normalment għal erba' snin, soġġett għall-baġit disponibbli.

Il-proposti ser jiġu evalwati f'żewġ stadji (ħlief għat-TDP- ara hawn taħt). *Proposti preliminari* (massimu ta' 10 000 karattru/3-4 paġni), mibgħuta bl-użu tal-mudell online (ara <http://www.cost.eu/opencall> għandhom jipprovdur deskrizzjoni qasira tal-proposta u l-impatt intenzjonat tagħha. Il-proposti eliġibbli ser jiġu evalwati mill-Kumitat tas-Settur rilevanti f'konformità mal-kriterji ppubblikati. Il-proponenti tal-proposti preliminari magħżula ser ikunu mistiedna jippreżentaw proposta sħiħa. Proposti sħaħ ser jiġu riveduti mill-pari skont il-kriterji ta' evalwazzjoni. Id-deċiżjoni normalment tittieħed fi żmien tmien xhur mid-data tal-iskadenza ta' meta għandhom jiġu ppreżentati u l-Azzjonijiet huma mistennija li jibdew fi żmien tliet xhur minn dak inhar. Id-dettalji u l-kriterji kollha huma disponibbli fuq <http://www.cost.eu/download/COST-Action-Proposal-SESA-guidelines.pdf>

Id-data tal-iskadenza għall-preżentazzjoni għall-proposti preliminari hi l-Ġimgħa **28 ta' Marzu 2014, 17:00 h**in ta' Brussell. Ser jiġu mistiedna madwar 20 % biex jippreżentaw proposta sħiħa għall-għażla finali ta' madwar 40 Azzjoni ġdida, soġġett għall-baġit disponibbli. L-istedina għal proposti sħaħ tkun fit-2 ta' Ġunju 2014 biex jiġu ppreżentati sal-25 ta' Lulju 2014.

Proposti ppreżentati taħt it-TDP isegwu proċedura ta' evalwazzjoni pilota speċifika, li tesiġi l-preżentazzjoni ta' proposta waħda, u għandhom jiġu rreġistrati sas-7 **ta' Marzu 2014, 17:00 ħin ta' Brussell**. Id-data ta' stedina għall-preżentazzjoni għat-TDP hija l-**11 ta' April 2014, 17:00 ħin ta' Brussell**. Din il-proposta ser tiġi evalwata remotament f'żewġ stadji, segwita minn seduti tat-TDP u ssorveljata minn tal-Panel tat-TDP. Deskrizzjoni ġenerali tal-proċedura ta' evalwazzjoni tista' tinsab fi http://www.cost.eu/domains_actions/TDP, filwaqt li d-dettalji dwar il-preżentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-proposti jidhru fil-Linji Gwida Miftuħa dwar Sejħiet skont il-proċedura Pilota għat-TDP (http://www.cost.eu/download/TDP_guidelines).

Deċiżjonijiet dwar l-approvazzjoni tal-Azzjoni huma mistennija f'Novembru 2014.

Il-proponenti jistgħu jikkuntattjaw il-Koordinatur nazzjonali tal-COST (CNC) tagħhom għal informazzjoni u gwida (ara <http://www.cost.eu/cnc>)

Il-proposti għandhom jintbagħtu online lis-sit web tal-Uffiċċju tal-COST.

Il-COST tirċievi appoġġ finanzjarju għall-attivitajiet tagħha ta' koordinazzjoni mill-programm qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku (RŻT) tal-UE. L-Uffiċċju tal-COST, stabbilit mill-Fondazzjoni Ewropea tax-Xjenza (ESF), li jaġixxi bħala l-aġent implimentattiv għall-COST, jipprovdi u jmexxi s-segretarjat amminis-trattiv, xjentifiku u tekniku għall-COST, il-Kumitati tas-Setturi tiegħu u l-Azzjonijiet tiegħu.

PROCĊDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-
KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.7111 – Mitsui/ArcelorMittal Gonvarri Brasil Produtos Siderúrgicos/M Steel Indústria e Comércio de Produtos Siderúrgicos)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2014/C 6/06)

1. Fit-23 ta' Diċembru 2013, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha Mitsui & Co Ltd ("Mitsui", il-Ġappun) u ArcelorMittal Gonvarri Brasil Produtos Siderúrgicos SA ("AMG", il-Brażil) akkwistaw fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt tal-impriża M Steel Indústria e Comércio de Produtos Siderúrgicos Ltda (il-"Kumpanija Mira", il-Brażil) permezz tax-xiri tal-ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:

- għal Mitsui: il-bejgħ, id-distribuzzjoni, ix-xiri, it-tqegħid fis-suq u l-forniment ta' prodotti f'żoni ta' negozju bħall-ħadid u l-azzar; metalli li ma fihomx ħadid; makkinarju; elettronika; kimiċi; komoditajiet relatati mal-enerġija globalment,
- għal AMG: l-ipproċessar u d-distribuzzjoni tal-azzar fil-Brażil,
- għall-Kumpanija Mira: il-manifattura, il-ħażna u d-distribuzzjoni ta' bosta prodotti pproċessati tal-azzar.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taq' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet ⁽²⁾ ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.7111 – Mitsui/ArcelorMittal Gonvarri Brasil Produtos Siderúrgicos/M Steel Indústria e Comércio de Produtos Siderúrgicos, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**(Każ COMP/M.7125 – Advent/UNIT4)****Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)****(2014/C 6/07)**

1. Fit-3 ta' Jannar 2014, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża Advent International Corporation ("Advent", l-Istati Uniti tal-Amerika) takkwista fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll sħiħ tal-impriża UNIT4 NV ("UNIT4", il-Pajjiżi l-Baxxi) permezz ta' offerta pubblika mħabbra fit-18 ta' Novembru 2013.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Advent: fond ta'ekwità privata,

— għal UNIT4: il-fornitura ta' softwer għan-negozju u servizzi ta' IT.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet ⁽²⁾ ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.7125 – Advent/UNIT4, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**(Każ COMP/M.7148 – Borealis European Holdings/First State Investments/Fortum Distribution Finland)****Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2014/C 6/08)

1. Fit-3 ta' Jannar 2014 il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża Borealis European Holdings BV ("Borealis" ir-Renju Unit) fl-aħħar ikkontrollata minn OMERS Administration Corporation, u First State Investments International Limited ("First State" ir-Renju Unit) fl-aħħar ikkontrollata mill-Commonwealth Bank tal-Awstralja jakkwistaw fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt tal-assi għad-distribuzzjoni tal-elettriku tal-grupp Forum Oyj (Fortum Sähkösiirto Oy ("FSS"), Fortum Espoo Distribution Oy ("FED") u Fortum Meter Lease SNC ("FML"), flimkien magħrufa bħala "Fortum Distribution Finland" il-Finlandja) permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:

- Borealis tamministra b'mod esklussiv l-infrastruttura ta' OMERS Administration Corporation u hija waħda mill-akbar investituri fl-infrastruttura fid-dinja u minn quddiem globalment fl-iżvilupp tal-investiment fl-infrastruttura bħala klassi tal-assi għall-investituri istituzzjonali,
- First State hija negozju globali għall-ġestjoni tal-assi li tiġġestixxi l-investimenti fisem, fost oħrajn, investituri istituzzjonali oħrajn u fondi tal-pensjoni,
- Fortum Distribution Finland hija d-distributur ewlieni tal-elettriku fil-Finlandja. In-netwerks tagħha tad-distribuzzjoni jinsabu fit-Tramuntana, fil-Punent u fin-Nofisnhar tal-Finlandja kif ukoll fil-belt ta' Joensuu. Hija attiva wkoll fil-kera tal-arloġġ tal-elettriku fil-Finlandja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet⁽²⁾ ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.7148 – Borealis European Holdings/First State Investments/Fortum Distribution Finland, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

EUR-Lex (<http://new.eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT